**QORTI CIVILI - PRIM'AWLA**

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum il-Hamis, 31 ta' Ottubru 2024**

**Kawza Numru: 4**
**Rikors Guramentat Numru:- 783/2012JVC**

**Jennifer Farrugia (I.D. 179063M), Paul Degaetano (I.D. 505462M), Josienne mart Paul Degaetano (I.D. 222663M) u Raymond Steer Chethman (I.D. 218359M) f'isimhom propju u f'isem is-socjeta rregolari bl-isem 'RS Partners' kif ukoll Jane mart Ray Steer Chethman (I.D. 88956(M) u Eugenio zewg Jennifer Farrugia (I.D. 15362M) ghal kull interess li jista jkollhom**

**vs**

**Roy Steer Chethman (I.D. 187193(M) u Carla Steer Chetman mart l-istess Roy (I.D. 3566M) ghal kull interess li jista jkollha**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tar-rikorrenti Jennifer Farrugia et li jaqra kif isegwi:

'Illi fis-sena 2010, l-atturi Jennifer Farrugia, Paul Degaetano, Josienne Degaetano u Raymond Steer Chetham kienu hatru lil konvenut bhala Manager sabiex jaghti servizzi ta' 'marketing and management' ghal organizzar tal-kuncert li kellu jinzamm fit-3 ta' Awissu 2010 minn Rod Stewart skond it-termini tal-ftehim hawn esebit bhala Dokument A.

Illi l-konvenut inghata dan l-inkarigu wara li kkonvinca lill-atturi li hu kien mhux biss kapaci jiehu hsieb l-organizzazzjoni ta' dan il-kuncert izda li anzi kien espert f'dan il-kamp u li bil-kapacita tieghu huma (l-atturi) kienu jaghmlu qliegh tajjeb minnu.

Illi minhabba dawn l-assikurazzjonijiet tal-konvenut, l-atturi nvestew somom konsiderevoli sabiex ikun jista jsehh il-kuncert minn Rod Stewart, liema kuncert fil-fatt inzamm fit- 3 ta' Awissu, 2010.

Illi fil-fatt l-atturi, mhux talli m'ghamlux qliegh mill-kuncert izda talli sofrew danni kbar minhabba negligenza, traskuragni, nuqqas ta' hila u agir frawdolenti dapparti tal-konvenut li anke agixxa ghad-dannu tal-esponenti bi ksur tat-termini tal-ftehim fuq imsemmi.

Illi minkejja dan l-agir tal-konvenut, huwa irrifjuta li jhallas lill-atturi d-danni minnhom subiti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

RAGUNI TAT-TALBA

Peress illi fis-sena 2010, l-atturi Jennifer Farrugia, Paul Degaetano, Josienne Degaetano u Raymond Steer Chetham kienu hatru lil konvenut bhala Manager sabiex jaghti 'marketing and management services' ghal organizzar tal-kuncert li kellu jinzamm fit-3 ta' Awissu 2010 minn Rod Stewart skond it-termini tal-ftehim hawn esebit bhala Dokument A.

Peress illi l-konvenut inghata dan l-inkarigu wara li kkonvinca lill-atturi li hu kien kapaci jiehu hsieb l-organizzazzjoni ta' dan il-kuncert u li bil-kapacita' tieghu huma (l-atturi) kienu jaghmlu qliegh tajjeb minnu.

Peress illi minhabba dawn l-assikurazzjonijiet tal-konvenut, l-atturi nvestew somom konsiderevoli sabiex ikun jista jsehh il-kuncert li fil-fatt inzamm fit-3 ta' Awissu 2010.

Peress illi fil-fatt l-atturi soffrew danni kbar minhabba negligenza, traskuragni, nuqqas ta' hila u agir frawdolenti dapparti tal-konvenut li anke agixxa ghad-dannu tal-atturi bi ksur tat-termini kontenuti fil-ftehim fuq imsemmi.

Peress li l-konvenut qatt ma rrisarcixxa lill-atturi ghad-danni subiti.

TALBIET

Illi jghidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex m'ghandiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara l-konvenuti responsabbli ghad-danni subiti mill-atturi b'konsegwenza ta' negligenza, traskuragni, nuqqas ta' hila u agir frawdolenti tal-konvenut.

2. Tillikwida, occorendo bl-opera ta' periti nominandi, id-danni sofferti mill-atturi.

3. Tikkundanna l-konvenuti jhallsu lill-atturi s-somma hekk likwidata.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-mandat ta' sekwestru numru 344/11.

Il-konvenuti huma ngunti ghas-subizzjoni.'

Rat ir-risposta guramentata tal-intimat Roy Steer Chetham li taqra kif isegwi:

**1.** 'Preliminarjament, ir-rikors guramentat huwa irritu u *null in kwantu* ma jsegwix il-formalitajiet illi trid il-Ligi ai termini tal-Artikolu 156 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi li l-premessi illi fuqhom ikun imsejjes r-rikors guramentat ghandhom ikunu enumerati.

**2.** Illi preliminarjamant ukoll din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex gurisdizzjoni illi tisma' u tiddeciedi l-vertenza odjerna in kwantu permezz tal-*partnership agreement* iffirmat bejn il-partijiet, li gie pprezentat flimkien mar-rikors promotur, senjatament fi klawsola 12.3 tal-istess, il-partijiet

kontendenti ftehmu liberament bejniethom illi "*the parties agree that if any dispute arises between them in connection with anything contained in this agreement, its interpretation or termination, the matter shall be settled by any arbitrator appointed by all parties and the decision shall be final as to the contents and interpretations of the instrument and as to the proper mode of carrying the provision into effect. Arbitration procedures shall be in accordance to the Arbitration Act 1996, CAP 387.*

**3.** Illi *in oltre* bla pregudizzju ghas-sueccepit fil-mertu t-talbiet attrici huma ilkoll infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi kienu l-istess atturi illi avvicinaw lill-intimat sabiex dan jorganizza l-kuncert in kwistjoni, u ghalkemm dan tal-ahhar wissa lill-atturi illi l-organizzazzjoni ta' tali kuncert kien ser ikun risku kummercjali kbir in vista tal-fatt illi fil-perjodu in kwistjoni kien ser ikun hemm l-loghob tat-tazza tad-dinja imma huma baqghu jinsistu mieghu biex jorganizza l-kuncert.

**4.** Illi l-eccipjenti wettaq l-inkarigu lilu moghti bl-akbar professjonalita' u hila, u kwindi, l-allegazzjonijiet imressqa mill-atturi fir-rigward tan-negligenza, traskuragni, nuqqas ta' hila u agir frawdolenti allegatament imwettaq mill-attur huma assolutament inveritjieri u jekk kien hemm xi negligenza jew agir frawdolenti, dan kien biss tal-istess atturi. Konsegwentement il-konvenut ma kkawza ebda danni kif allegati mill-atturi, u dan kif ser jigi ampjament ipprovat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

**5.** lli bla pregudizzju ghas-sueccepit, biex azzjoni ghad-danni tirnexxi, l-atturi huma tenuti mhux biss li jipprovaw ukoll in-ness kawzali bejn id-danni minnhom allegatament sofferti

u xi tort tal-intimat u kif ser jirrizulta ampjament waqt it-trattazzjoni tal-kawza la wahda u lanqas l-ohra minn dawn l-elementi ma jezistu fil-konfront tal-eccipjenti fil-kaz *de quo*.

6. Illi fi kwalunkwe kaz it-talbiet attrici huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt.

7. Salvi, jekk ikun il-kaz, risposti, ossia eccezzjonijiet ulterjuri.

**BL-ISPEJJEZ** kollha kontra l-atturi.

**DIKJARAZZJONI GURAMENTATA ghall-finijiet tal-artikolu 158(3) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta.**

1. Illi dawn il-fatti jafhom hu personalment.

2. Illi r-rikors guramentat huwa irritu u null in kwantu ma jsegwix il-formalitajiet illi trid l-Ligi ai terminu tal-Artikolu 156 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi li l-premessi illi fuqhom ikun msejjes r-rikors guramentat ghandhom ikunu enumerati.

3. Illi din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex gurisdizzjoni illi tisma' u tiddeciedi l-vertenza odjerna in kwantu permezz tal-partnership agreement iffirmat bejn il-partijiet, li gieipprezentat flimkien mar-rikors promotur, senjatament fi klawsola 12.3 tal-istess, il-partijiet kontendenti ftehmu liberalment bejniethom illi "*the parties agree that if any dispute arises between them in connection with anything contained in this agreement, its interpretation or termination, the matter shall be settled by any arbitrator appointed by all parties and the decision shall be final as to the contents and interpretations of the instrument and as to proper mode of carrying the provision into effect. Arbitration*

<u>*procedures shall be in accordance to the Arbitration Act 1996,CAP 387.*</u>

4. Illi kienu l-istess atturi illi avvicinaw lill-intimat sabiex dan jorganizza l-kuncert in kiwstjoni, u ghalkemm dan tal-ahhar wissa lill l-atturi illi l-organizzazzjoni ta' tali kuncert kien ser ikun riskju kummercjali kbir in vista tal-fatt illi fil-perjodu in kwistjoni kien ser ikun hemm il-loghob tat-tazza tad-dinja, wara diversi insistenzi tal-atturi, l-eccipjenti accetta illi jiehu hsieb l-organizzazzjoni tal-kuncert in kwistjoni.

5. Illi l-eccipjenti wettaq l-inkarigu lilu moghti bl-akbar professjonalita' u hila, u kwindi, l-allegazzjonijiet imressqa mill-atturi fir-rigward tan-negligenza, traskuragni, nuqqas ta' hila u agir frawdolenti imwettaq mill-attur huma assolutament inveritjieri u jekk hemm xi negligenza jew agir frawdolenti, dan kien biss tal-istess atturi. Konsegwentement il-konvenuti ma kkawzaw ebda danni kif allegati mill-atturi, u dan kif ser jigi ampjament ipprovat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

6. Illi biex azzjoni ghad-danni tirnexxi, l-atturi huma tenuti mhux biss li jipprovaw materjalment li soffrew xi danni bi provi rigoruzi u cari, izda jridu jipprovaw ukoll in-ness kawzali bejn id-danni minnhom allegatament sofferti u xi tort tal-intimati u kif ser jirrizulta ampjament waqt it-trattazzjoni tal-kawza la wahda u l-anqas l-ohra minn dawn l-elementi ma jezistu fil-konfront tal-eccipjenti fil-kaz *de quo.*

7. Illi fi kwalunkwe kaz it-talbiet attrici huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt.'

Rat ir-risposta guramentata ta' l-intimata Carla Steer Chetman li taqra kif isegwi:

1. 'Illi preliminarjament din l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex il-gurisdizzjoni sabiex tisma' u tiddeciedi l-kawza odjerna, billi il-vertenza mertu ta' din il-kawza ghandha tigi riferuta ghal arbitragg u dan kif tistipulat klawsola 12.3 tal-Project Management Agreement esebit mar-rikors promotur li jghid *"The Parties agree that if any disputes arises between them in connection with anything contained in this agreement, its interpretation or termination, the matter shall be settled by any arbitrator appointed by all parties and the decision shall be final as to the contents and interpretations of the instrument and as to the proper mode of carrying the provision into effect. Arbitration procedures shall be in accordance to the Arbitration Act 1996, Cap 387".*

2. Illi minghajr pregudizzju ghal-premess, l-esponenti tirrileva illi hija totalment estranea ghal fatti li setghu taw lok ghal din il-kawza, u ghal kull ma setgha sehh, kif wkoll li ma ghandha u ma kellha x'taqsam xejn ma dak li qed jigi allegat fil-konfront tal-konvenut l-iehor, billi hija ma kienet partecipi jew involuta b'ebda fin-negozju in kwistjoni, u kwindi ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

3. Illi l-fatti hawn fuq dikjarati tafhom hi personalment.

4. Bl-ispejjez kontra l-atturi ngunti in subizzjoni.'.

Rat l-affidavits, xhieda, ftehim, *projections*, *Escrow Agreements*, *statements* tal-bank, *invoices*, kopji ta' *emails*, *excel sheets* bil-kalkoli tal-*projections,* ittri, rendikonti, rapporti mahruga mill-maltaticketing, agenda, ittri legali, decizjoni, minuta ta' laqgha,

kopja ta' biljett, kopji ta' messaggi minn fuq mobile, kopji ta' cekkijiet, dokumenti ulterjuri u l-provi kollha esebiti fl-atti;

Rat illi fil-verbal tal-14 ta' Jannar, 2013 il-Qorti kif diversament preseduta ordnat li f'dan l-istadju l-provi jigu limitati ghall-ewwel eccezzjoni dwar il-gurisdizzjoni;

Rat illi fil-verbal tad-9 ta' Frar, 2022 il-Qorti kif preseduta ghamlet referenza ghall-verbal tal-14 ta' Jannar, 2013 fejn din il-Qorti kif diversament preseduta ordnat li l-istadju tal-provi jigu limitati ghall-ewwel eccezzjoni dwar il-gurisdizzjoni, wara li l-Qorti kkonfermat ma' Dr Albert Libreri in rapprezentanza tar-rikorrenti li l-provi li ressqu r-rikorrenti kienu fuq il-mertu kollu, fic-cirkostanzi u stante li din il-kawza ilha gja pendenti 9 snin ghall-gbir tal-provi, il-Qorti rrevokat din l-ordni u ordnat li l-provi jingabru fuq il-mertu kollu;

Rat illi fil-verbal datat 6 ta' Lulju, 2023 il-kawza giet differita ghat-30 ta' Mejju 2024 ghad-decizjoni bil-fakulta' tal-partijiet li jipprezentaw noti ta' sottomissjonijiet b'termini mposti fuqhom;

Rat is-sottomissjonijiet li dahlu fl-atti;

Rat l-atti kollha.

Rat illi bid-digriet tat-30 ta' Mejju 2024 minhabba pressjoni ta' xoghol il-kawza giet differita ghas-27 ta' Gunju 2024 ghad-decizjoni;

Rat illi bid-digriet tas-27 ta' Gunju 2024 minhabba pressjoni ta' xoghol il-kawza giet differita ghal-lum ghad-decizjoni;

**Ikkunsidrat:**

Illi permezz tal-kawza odjerna r-rikorrenti jippremettu li fis-sena 2010 huma kienu hatru lill-intimat Roy Steer Chetham bhala *manager* sabiex jaghti servizz ta' 'marketing and management' fl-organizzar ta' kuncert li kellu jinzamm fit-3 ta' Awwissu, 2010 minn Rod Steward skont it-termini ta' ftehim esebit fl-atti u mmarkat bhala Dok A. Ir-rikorrenti jsostnu li l-intimat inghata dan l-inkarigu wara li kkonvincihom li hu kien mhux biss kapaci jiehu hsieb l-organizazzjoni ta' dan il-kuncert izda li anzi kien espert f'dan il-kamp u li bil-kapacita' tieghu huma kienu jaghmlu qliegh tajjeb minnu. Jghidu li minhabba din l-assikurazzjoni tal-intimat Steer Chetham huma nvestew somom konsiderevoli sabiex seta' jsir il-kuncert ta' Rod Steward, liema kuncert fil-fatt inzamm fit-3 ta' Awwissu, 2010. Ir-rikorrenti jsostnu li mhux talli m'ghamlux qliegh mill-kuncert talli sofrew danni kbar minhabba negligenza, traskuragni, nuqqas ta' hila u agir frawdolenti da parte tal-intimat li anke agixxa ghad-dannu taghhom bi ksur tat-termini tal-ftehim imsemmi. Ir-rikorrenti jghidu li l-intimat irrifjuta li jhallashom tad-danni minnhom subiti u ghalhekk kellhom jipprocedu b'din il-kawza fejn talbu sabiex jigi dikjarat li l-intimat huwa responsabbli ghad-danni subiti minnhom b'konsegwenza ta' negligenza, traskuragni, nuqqas ta' hila u agir frawdolenti tal-intimat. Talbu sabiex jigu likwidati okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi d-danni minnhom sofferti. Finalment talbu l-kundanna tal-intimati sabiex ihallsu lilhom s-somma hekk likwidata.

Illi l-intimat Roy Steer Chetham wiegeb permezz ta' risposta guramentata ntavolata nhar it-22 ta' Novembru, 2012 fejn preliminarjament eccepixxa li r-rikors guramentat huwa rritu u null in kwantu ma jsegwix il-formalitajiet li trid il-ligi ai termini

tal-Artikolu 156 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi li l-premessi li fuqhom ikun imsejjes r-rikors guramentat ghandhom ikunu enumerati. L-intimat preliminarjament eccepixxa wkoll li din il-Qorti m'ghandhiex gurisdizzjoni li tisma' u tiddeciedi l-vertenza odjerna in kwantu permezz tal-partnership agreement iffirmat bejn il-partijiet, li gie pprezentat flimkien mar-rikors promotur, senjatament fi klawsola 12.3 tal-istess, il-partijiet kontendenti ftehmu liberament bejniethom li '*…the matter shall be settled by any arbitrator appointed by all parties and the decision shall be final as to the contents and interpretations of the instrument and as to the proper mode of carrying the provision in effect. Arbitration procedures shall be in accordance to the Arbitration Act 1996, CAP 387.*'. Fil-mertu l-intimat eccepixxa li t-talbiet attrici huma lkoll infondati fil-fatt u fid-dritt stante li kienu l-istess rikorrenti li avvicinawh sabiex dan jorganizza l-kuncert in kwistjoni u ghalkemm huwa wissihom li l-organizazzjoni ta' tali kuncert ser ikun riskju kummercjali kbir in vista tal-fatt li fil-perijodu in kwistjoni kien ser ikun hemm il-loghob tat-tazza tad-dinja huma baqghu jinsistu mieghu biex jorganizza tali kuncert. L-intimat eccepixxa wkoll li huwa wettaq l-inkarigu lilu moghti bl-akbar professjonalita' u hila, u kwindi l-allegazzjonijiet imressqa mir-rikorrenti fir-rigward negligenza, traskuragni, nuqqas ta' hila u agir frawdolenti allegatament imwettqa minnu huma assolutament inveritieri u jekk kien hemm xi negligenza jew agir frawdolenti dan kien biss tal-istess rikorrenti. L-intimat eccepixxa wkoll li biex l-azzjoni ghad-danni tirnexxi, r-rikorrenti huma tenuti mhux biss li jippruvaw materjalment li soffrew xi danni minnhom allegatament sofferti u xi tort tal-intimat u kif ser jirrizulta ampjament ippruvat la wahda u lanqas l-ohra minn dawn l-elementi ma jezistu fil-konfront tieghu fil-kaz *de quo*. Finalment eccepixxa li fi kwalunkwe kaz it-talbiet attrici huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt.

Illi l-intimata Carla Steer Chetham intavolat risposta guramentata nhar l-10 ta' Dicembru, 2012 fejn permezz taghha u fuq l-istess binarji tal-eccezzjoni tal-intimat preliminarjament eccepiet illi din l-Qorti m'ghandhiex gurisdizzjoni sabiex tisma u tiddeciedi l-kawza odjerna, billi l-vertenza mertu ta' din il-kawza ghandha tigi riferuta ghal arbitragg u dan kif stipulat fil-klawsola 12.3 tal-Project Management Agreement esebit mar-rikors promotur li jistipula li '*…the matter shall be settled by any arbitrator appointed by all parties and the decision shall be final as to the contents and interpretations of the instrument and as to the proper mode of carrying the provision in effect. Arbitration procedures shall be in accordance to the Arbitration Act 1996, CAP 387.*'. Bhala t-tieni eccezzjoni taghha, l-intimata eccepiet minghajr pregudizzju ghall-premess, li hija totalment estranea ghal fatti li setghu taw lok ghal din il-kawza, u ghal kull ma setgha sehh, kif ukoll li ma ghandha u ma kellha x'taqsam xejn ma' dak li qed jigi allegat fil-konfront tal-intimat l-iehor, billi hija ma kienet partecipi jew involuta bl-ebda mod fin-negozju in kwistjoni, u kwindi ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

**<u>Eccezzjoni preliminari tal-intimat Roy Steer Chetham – rikors guramentat huwa rritu u null:</u>**

L-intimat Roy Steer Chetham eccepixxa preliminarjament li r-rikors guramentat huwa rritu u null inkwantu ma jsegwix il-formalitajiet li trid il-ligi ai termini tal-Artikolu 156 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi li l-premessi li fuqhom ikun imsejjes ir-rikors guramentat ghandhom ikunu enumerati.

Illi minn harsa lejn din l-eccezzjoni huwa car li l-ilment tal-intimat huwa msejjes fuq il-fatt li l-premessi fir-rikors guramentat odjern

ma gewx enumerati u dan skont kif jistipula s-sub-artikolu 1(a) tal-Artikolu 156 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta li jiddisponi li:

> '**156.** (1) Ir-rikors ġuramentat għandu jitlesta mill-attur u għandu jkun fih –
>
> (a) dikjarazzjoni li tfisser b'mod ċar u sewwa l-oġġett tal-kawża f'paragrafi numerati separatament, sabiex isaħħaħ it-talba tiegħu u jiddikjara wkoll liema fatti huwa jaf bihom personalment;'.

Illi fil-kaz odjern ma jirrizultax li l-intimat sofra xi forma ta' pregudizzju tad-dritt li jiddefendi ruhu meta l-premessi ma gewx numerati. Il-premessi huma cari, divizi f'paragrafi u jiddikjaraw b'mod car u sewwa l-oggett tal-kawza. Infatti l-intimatipprezenta r-risposta guramentata tieghu u minn harsa lejha jirrizulta li huwa fehem sew l-oggett tal-kawza.

Illi dwar in-nullita' ta' rikors guramentat, l-awtur **Laurent** fil-ktieb tieghu **Diritto Civile**, Vol I, para 43 jghid li dan:

> 'è un mezzo estremo cui il legislatore non ricorre che in case di necessita''.

Inghad ukoll mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza fl-ismijiet **Victor Henry Debono et -vs- Onor. Vincent Tabone noe** deciza fl-14 ta' Mejju, 1970 illi:

> '…n-nullitajiet huma odjuzi, ma jistax jigu prezunti, ma jistghux jigu estizi minn kaz ghall-iehor u in generali jirripunjaw ghaz-'zeitgeist' modern li huwa kuntrarju ghar-ripetizzjoni tal-kawzi u atti gudizzjarji u ghall-

moltiplikazzjoni ta' l-ispejjez u telf ta' zmien anti-ekonomiku hlief ghar-ragunijiet verament serji.'.

Fil-fehma tal-Qorti n-nuqqas ta' numerazzjoni tal-premessi fil-kawza odjerna m'ghandux iwassal ghad-dikjarazzjoni tan-nullita' tar-rikors guramentat. Dan mhux biss ghal fatt li kif jidher l-intimat ma garrab l-ebda pregudizzju, izda aktar u aktar fid-dawl li n-nullita' hija meqjusa bhala odjuza, intiza biss ghal multiplikazzjoni ta' kawzi u atti gudizzjarji, telf ta' hin tal-Qorti u spejjez zejda. Ghaldaqstant fid-dawl ta' dak li ghadu kif inghad il-Qorti ser tghaddi sabiex tichad din l-eccezzjoni preliminari.

**<u>It-tieni eccezzjoni preliminari tal-intimat Roy Steer Chetham u l-eccezzjoni preliminari tal-intimata Carla Steer Chetham – nuqqas ta' gurisdizzjoni tal-Qorti:</u>**

Illi z-zewg intimati Steer Chetham ressqu l-istess eccezzjoni u cioe' li din il-Qorti m'ghandhiex gurisdizzjoni li tisma' u tiddeciedi l-vertenza odjerna in kwantu permezz tal-*partnership agreement* iffirmat bejn il-partijiet, li gie pprezentat flimkien mar-rikors promotur, senjatament fil-klawzola 12.3 tal-istess, il-partijiet kontendenti ftehmu liberament bejniethom li f'kaz li tinqala' tilwima bejniethom b'rabta ma' xi haga li tinsab fil-ftehim, l-interpretazzjoni jew it-terminazzjoni tieghu, l-kwistjoni ghandha tigi rizolta bil-hatra ta' arbitru mahtur mill-partijiet kollha.

Illi l-Qorti tibda billi tinnota li l-klawzola ndikata mill-intimati ghandha tinqara fl-assjem mas-sezzjoni kollha ntitolata 'SETTLEMENT OF DISPUTES'.

Illi l-klawzoli kollha li jinsabu fis-sezzjoni ntitolata 'SETTLEMENT OF DISPUTES' tal-ftehim redatt bejn il-partijiet li jinsab a fol. 5 et seq tal-process jaqraw kif isegwi:

**'12. SETTLEMENT OF DISPUTES**

12.1 AMICABLE SETTLEMENT

The parties shall use their best efforts to settle amicably all disputes arising out of or in connection with this Agreement or its interpretation.

12.2 DISPUTE SETTLEMENT

Any dispute between the Parties as to matters arising pursuant to this Agreement that cannot be settled amicably within thirty (30) days after receipt by one Party of the other Party's request for such amicable settlement, may be submitted by either Party for settlement in accordance with clause 12.3.

12.3 ARBITRATION

The Parties agree that if any dispute arises between them in connection with anything contained in this Agreement, its interpretation or termination, the matter shall be settled by an arbitrator appointed by all parties and the decision shall be final as to the contents and interpretations of the instrument and as to the proper mode of carrying the provision into effect. Arbitration procedures shall be in accordance to the Arbitration Act 1996, CAP 387.'.

Illi r-rikorrenti fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom jissottomettu li l-kelma 'may' uzata fil-klawzola 12.2 turi kemm tassew il-partijiet ma riedux jillimitaw ruhhom ghall-proceduri ta' arbitragg. Isostnu li minn qari taz-zewg klawzoli flimkien bilfors li wiehed jasal ghall-konkluzjoni li r-rikorrenti setghu (may) jaghzlu li jipprezentaw din il-kawza quddiem arbitru izda mhux bilfors kienu obbligati li jaghmlu dan. Isostnu li l-partijiet ma ssoggettawx ruhhom li jipprezentaw il-kaz taghhom quddiem arbitru izda zammew ferm l-ghazla li jirrikorru l-Qorti. Imbaghad sabiex jindikaw id-differenza bejn l-uzu tal-kelma 'may' u 'shall' uzata fil-ligi nostrana, ikkwotaw mid-decizjoni fl-ismijiet **Ulrich Barfuss -vs- Perit John Gambina et** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-11 ta' Dicembru 2017, kif ukoll mid-decizjoni fl-ismijiet **Carmel Axiaq et -vs- Amadeo Abela et** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-2 ta' Ottubru 2012.

Illi wara li qrat iz-zewg klawsoli flimkien, il-Qorti tqis li l-klawsola 12.2 ghamlet uzu mill-kelma 'may' u cioe' 'tista'' u mhux uzu mill-kelma 'shall' bhal ma intuzat fil-klawzola 12.3, proprju sabiex il-partijiet jinghataw il-possibilita' li jekk iridu jistghu jaghzlu jew li jipprocedu bil-Qorti, kif gara fil-kaz odjern, jew inkella jipprocedu hekk kif tiddisponi l-klawzola 12.3. Ghalhekk fic-cirkostanzi l-Qorti ma tqisx li l-intimati ghandhom ragun fl-eccezzjoni taghhom u cioe' li din il-Qorti m'ghandhiex gurisdizzjoni.

Illi dan premess, l-Qorti taghmel ukoll referenza ghall-Artikolu 15 tal-Att dwar l-Arbitragg Kap. 387 tal-Ligijiet ta' Malta li jitratta l-procedura f'arbitragg domestiku. Partikolari referenza minn din il-Qorti ssir ghas-sub-artikoli 3 u 4 li jaqraw kif isegwi:

> '(3) Minkejja kull dispożizzjoni li hemm fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jekk parti fi ftehim ta' arbitraġġ, jew xi persuna li tagħmel it-talba permezz jew bis-

setgħa tal-parti, tibda xi proċedimenti legali f'qorti kontra kull parti oħra fil-ftehim ta' arbitraġġ jew xi persuna li tagħmel it-talba permezz jew bis-setgħa ta' dik il-parti, dwar kull ħaġa miftehma li tiġi riferita għall-arbitraġġ, kull parti f'dawk il-proċedimenti legali tista' f'kull żmien qabel ma tressaq xi eċċezzjonijiet jew tmexxi mod ieħor fil-proċedimenti, titlob lil dik il-qorti li twaqqaf il-proċedimenti, u dik il-qorti jew imħallef tagħha, kemm-il darba ma jkunx sodisfatt li l-ftehim ta' arbitraġġ ikun sar inoperattiv jew ma jistax jitkompla, għandha tordna li jitwaqqfu l-proċedimenti. Rikors jista' jsir minkejja li l-kwistjoni għandha tiġi riferita lill-arbitraġġ biss wara li jiġu eżawriti proċeduri oħra ta' riżoluzzjoni ta' kwistjonijiet.

(4) Meta l-proċedimenti kif hemm imsemmija fis-subartikolu (3) ikunu nġiebu quddiem qorti, proċedimenti ta' arbitraġġ jistgħu jinbdew jew jitkomplew: iżda t-tribunal tal-arbitraġġ m'għandu jieħu ebda passi fl-arbitraġġ sakemm ma l-Qorti tiddeċiedi dwar ir-rikors ħlief f'każijiet meta nuqqas li jingħata rimedju jirriżulta fi ħsara irreparabbli għal xi parti fil-proċedimenti tal-arbitraġġ. Mad-deċiżjoni tal-Qorti, li għandha tiġi notifikata lit-tribunal tal-arbitraġġ mir-rikorrent, it-tribunal tal-arbitraġġ għandu jkun marbut bid-deċiżjoni tal-Qorti dwar kwistjonijiet involuti fir-rikors u għandu jaġixxi skont hekk.'

Li jipprovdu dawn is-sub-artikoli huwa li jekk parti fi ftehim ta' arbitragg, tibda xi procedimenti legali f'qorti kontra parti ohra fi ftehim ta' arbitagg, din tal-ahhar f'dawk il-procedimenti legali tista' f'kull zmien qabel ma jitressqu l-eccezzjonijiet taghha, titlob permezz ta' rikors lil dik il-Qorti li twaqqaf il-procedimenti legali u jitkomplew quddiem it-tribunal ta' arbitragg.

Ir-rikorrenti fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom jaghmlu wkoll referenza ghal zewg decizjonijiet fl-ismijiet **Miloro Corradina ezercenti l-kummerc taht l-isem MC Restauri -vs- A.F. Ellis (Home Décor) Ltd et** deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fit-2 ta' Mejju, 2018 u **Cobra Installations Limited -vs- Stephen Caruana** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-8 ta' Novembru, 2013. Il-Qorti ser tikkwota mid-decizjoni l-ewwel imsemmija fejn fir-rigward l-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu 15 inghad is-segwenti:

> 'Ghalhekk skont dawn il-provedimenti fil-kaz li parti ghall-ftehim ta' arbitragg, tipprocedi kontra l-parti l-ohra ghall-istess ftehim, quddiem xi qorti, l-parti citata ghandha zmien sakemm tipprezenta n-nota tal-eccezzjonijiet taghha, biex il-procediment quddiem il-qorti jitwaqqaf u tali talba trid eventwalment tigi milqughha. Dan ghandu jitqies bhala terminu perentorju stante li jekk l-imsemmija talba ma ssirx qabel l-imsemmi stadju l-process quddiem il-Qorti jibqa ghaddej sakemm il-kwestjoni tigi deciza b'mod finali.
>
> Ghalhekk il-parti li tkun giet citata ghandha l-fakoltà li taghzel jew li tkompli bil-process quddiem il-Qorti ordinarja jew li titlob li dak il-process quddiem il-Qorti ordinarja jitwaqqaf sabiex il-kwestjoni tigi deciza mill-arbitragg. F'dan il-kaz it-talba sabiex il-procediment quddiem il-Qorti jitwaqqaf trid issir tassattivament entro l-imsemmi terminu. Hawnhekk l-artikolu hu ta' natura tassattiva u cioè t-talba ghat-twaqqif ghandha ssir b'rikors presentat qabel ma jigu prezentati l-eccezzjonijiet. Kwindi jekk tali rikors ma jigix prezentat il-procediment quddiem il-qorti ordinarja ghandu jibqa ghaddej.'.

Illi fil-kaz odjern ma jirrizultax li l-intimati ressqu rikors f'dan is-sens qabel ma giet intavolata r-risposta guramentata taghhom. Piuttost mill-atti jirrizulta li l-intimati ressqu l-eccezzjonijiet taghhom nhar it-22 ta' Novembru, 2012 (fol. 21) u nhar l-10 ta' Dicembru, 2012 (fol. 26) u prosegwew bil-kawza. Kif inghad fid-decizjoni kwotata, dan it-terminu huwa wiehed tassattiv u ghalhekk gjaladarba l-intimati odjerni ma ntavolawx ir-rikors rikjest mil-ligi fit-terminu hemm impost, il-procediment odjern quddiem din il-Qorti ghandu jibqa ghaddej normalment. Ghaldaqstant fid-dawl ta' dak kollu suespost il-Qorti ser tghaddi sabiex tichad it-tieni eccezzjoni preliminari tal-intimat Roy Steer Chetham u l-eccezzjoni preliminari tal-intimata Carla Steer Chetham billi din il-Qorti ghandha l-gurisdizzjoni li tisma' u tiddeciedi l-kawza odjerna.

**It-tieni eccezzjoni tal-intimata Carla Steer Chetham – liberata mill-osservanza tal-gudizzju billi hija totalment estranea ghal fatti:**

Illi permezz tat-tieni eccezzjoni taghha l-intimata Carla Steer Chetham eccepiet illi hija totalment estranea ghal fatti li setghu taw lok ghal din il-kawza u ghal kull ma seta' sehh, kif ukoll li ma ghandha u ma kellha x'taqsam xejn ma' dak li qed jigi allegat fil-konfront tal-intimat l-iehor billi hija ma kienet partecipi jew involuta bl-ebda mod fin-negozji in kwistjoni u kwindi ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

Illi fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha tkompli telabora u tghid illi mill-provi prodotti, partikolarment mix-xhieda tar-rikorrenti nfushom, tal-intimat zewgha Roy Steer Chetham u kif ukoll mix-xhieda taghha stess irrizulta li hi ma kellha l-ebda nvolviment, l-anqas l-icken wiehed fin-negozju li spicca ta lok ghal din il-kawza. Issostni li mill-provi rrizulta li l-intimat l-iehor qatt ma nvolviha

f'xejn, la f'diskussjonijiet u wisq anqas f'decizjonijiet u da parte taghha hija qatt ma wriet xi nteress li b'xi mod tinvolvi ruhha. Tikkwota l-Artikolu 1324 tal-Kodici Civili Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jitratta proprju amministrazzjoni ta' kummerc, negozju jew professjoni li jkun qed jigi ezercitat minn parti wahda biss mill-mizzewgin. Isostni ghalhekk li stante l-assenza totali taghha minn dan in-negozju, ma tista qatt tinzamm responsabbli ghal kwalunkwe danni li jistghu talvolta jigu likwidati u wisq anqas ma tista' tigi kkundannata thallas tali danni, kif qed jitolbu r-rikorrenti.

Illi fil-kaz odjern jirrizulta li l-intimat Roy Steer Chetham kien gie ngaggat sabiex jaghti servizz ta' *marketing and management* ghal organizzar ta' kuncert. Jirrizulta li l-involviment tieghu kien mill-bidu nett billi lanqas kien ghadu gie stabbilit ezattament ta' min ser ikun il-kuncert. Infatti saru diversi kuntatti ma' diversi artisti mill-intimat qabel ma gie stabbilit li l-kuncert kien ser ikun ta' Rod Steward u li kellu jinzamm fit-3 ta' Awwissu 2010. L-intimat Roy Steer Chetham fl-affidavit tieghu a fol. 920 et seq tal-process jistqarr li din ma kinitx l-ewwel darba tieghu li kien involut f'xi haga simili fejn qal illi:

> 'I spent a long time working with Bay Street as freelance marketing consultant part of a team organizing annual major events, promoting, marketing and sponsoring every single event that was held at the complex along with shop and win at Bay Street, B Day, Miss Bikini, The Bride to be, 60s nights at Bay Street, and several other events. I was also involved in several national events and concerts, such as, Australian Pink Floyds which was held at Luxor grounds on the 25th June 2005 and after a successful turnout of 18,000 people, the band invited us as guests to the LIVE 8 world concert held in

> Hyde Park London on the 2nd July 2005 other national events that I was involved in were: The Motor show held at MFCC, Millennium Grand Harbour show 2000, the Tista Tkun Int TV Show, Bongu Bundy TV show, Liquorish, Evangelisti TV series, the marketing of Smart supermarket and its monthly publication The Smart Tabloid, The Shop & Win Smart lottery and the Smart Loyalty Point Scheme which I was responsible for over 7 years.'.

Mid-dikjarazzjoni kkwotata jirrizulta li x-xoghol tal-intimat Roy Steer Chetham kien dak relatat mal-*marketing and management'* u li l-mara tieghu l-intimata Carla Steer Chetham ma kinitx involuta fix-xoghol tieghu. Fir-rigward dan il-kaz infatti kemm ir-rikorrenti Paul Degaetano in kontro-ezami a fol. 985 et seq tal-process, kif ukoll ir-rikorrenti Jennifer Farrugia in kontro-ezami a fol. 988 et seq tal-process ikkonfermaw illi huma dejjem iddiljaw mal-intimat Roy Steer Chetham u mhux ma' martu l-intimata Carla Steer Chetham. Il-mistoqsija legittima li tohrog, hija jekk bil-fatt li l-intimata Carla Steer Chetham ma kinitx involuta fix-xoghol tar-ragel taghha l-intimat Roy Steer Chetham, hijiex intitolata li tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju u ghalhekk il-parti taghha mill-komunjoni tal-akkwisti ma taghmilx tajjeb ghal kwalunkwe danni li talvolta jistghu jigu likwidati.

Illi l-Qorti tqis li l-fatt wahdu li l-intimata Carla Steer Chetham ma kinitx involuta fix-xoghol tal-intimat Roy Steer Chetham, b'mod partikolari fl-ingaggar tieghu sabiex jissupplixxi servizzi ta' '…marketing and magagement services for Rod Steward Concert…' ma jilliberahhiex mill-osservanza tal-gudizzju. L-Artikolu 1320 paragrafu (a) tal-Kodici Civili Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta jiddisponi li fil-komunjoni tal-akkwisti jidhol dak kollu li z-zewg partijiet mizzewga jakkwistaw bix-xoghol jew bil-hidma taghhom. Dan ifisser li ghalkemm l-intimata Carla Steer Chetham

ma kinitx involuta fix-xoghol ta' zewgha, hija xorta kienet ser tibbenefika minn kwalunkwe qliegh li seta' akkwista l-intimat l-iehor. Ghalhekk safejn jirrigwarda dak il-punt l-intimata ma tistax tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju, aktar u aktar fid-dawl li jirrizulta li r-regim li kien jirregola l-beni taghhom kien dak tal-komunjoni tal-akkwisti.

Li jrid jigi ezaminat huwa jekk bl-iffirmar tal-ftehim bejn ir-rikorrenti Jennifer Farrugia et u l-intimat Roy Steer Chetham a fol. 5 et seq tal-process sabiex jaghti servizz ta' '*supply of marketing and magagement services for Rod Steward concert to be held on the Granaries Floriana in terms of the event contract attached to this agreement marked "Document A"'* l-intimat Roy Steer Chetham wettaqx att ta' amministrazzjoni straordinarja li kien jirrikjedi l-kunsens taz-zewg partijiet ghal ezekuzzjoni taghha.

Illi minn harsa lejn is-sub-artikolu 3 tal-Artikolu 1322 tal-Kodici Civili li jelenka x'inhuma l-atti ta' amministrazzjoni straordinarja jirrizulta li bl-iffirmar tal-ftehim l-intimat Roy Steel Chetham ma wettaqx xi att ta' amministrazzjoni straordinarja hekk kif jiddisponi l-imsemmi artikolu. Dan is-sub-artikolu 1322 tal-Kodici Civili jiddisponi kif isegwi:

'(3) Dawn li ġejjin huma l-atti ta' amministrazzjoni straordinarja:

(a) atti fejn jeddijiet reali fuq beni immobbli jkunu akkwistati, maħluqa jew trasferiti;

(b) atti li joħolqu jew jolqtu l-ipoteka ta' beni;

(ċ) atti fejn ikun hemm qsim ta' beni;

(d) atti li jagħtu jedd ta' użu u, jew, tgawdija ta' proprjetà immobbli;

(e) donazzjonijiet barra minn dawk imsemmija fl-artikolu 1753(2)(a);

(f) li tissellef jew tislef flus, barra minn depożitu ta' flus f'kont f'bank;

(g) l-akkwist ta' proprjetà mobbli jew ta' xi jedd ta' użu jew tgawdija ta' xi proprjetà mobbli jew immobbli li l-prezz tiegħu ma jitħallasx mal-konsenja jew qabel:

Iżda dan ma japplikax għal xi dejn magħmul għall-ħtiġiet tal-familja skont l-artikolu 1327(ċ), jew għall-kiri ta' mobbli jew immobbli meta l-prezz tiegħu jkun moderat meta tqabblu mal-kondizzjoni tal-familja u l-kirja tkun għal żmien qasir;

(h) il-kuntratt għal xi garanzija;

(i) l-għoti ta' pleġġ;

(j) is-sħubija b'responsabbiltà mhux limitata f'soċjetà kummerċjali, jew is-sottoskrizzjoni għal xi ishma li ma jkunux imħallsa kollha jew l-akkwist tagħhom f'soċjetà b' responsabbiltà limitata;

(k) it-trasferiment ta' negozju kif ukoll it-trasferiment ta' xi sehem f'soċjetà kummerċjali barra minn kumpannija pubblika;

(l) kull att li joħloq privileġġ speċjali skont l-artikolu 2010(b);

(m) kull att ta' rexissjoni ta' xi att imsemmi fil-paragrafi (a) u (ċ), u kull att ta' dikjarazzjoni magħmula intervivos li permezz tagħha jiġi rikonoxxut jew rinunzjat xi jedd fuq beni immobbli; u

(n) it-tqegħid fi trust ta' beni li jkunu parti mill-komunjoni tal-akkwisti u l-varjazzjoni jew revoka tal-kondizzjonijiet ta' kull trust li fih ikunu tqegħdu xi beni bħal dawk.'.

F'dan l-istadju l-Qorti taghmel ukoll referenza ghall-Artikolu 1327 (f) tal-Kodici Civili Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta u ghall-Artikolu 1329 sub-artikolu 2 tal-istess kodici li jiddisponu s-segwenti:

'**1327.** Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 1329 il-beni li jkunu parti mill-komunjoni tal-akkwisti jbatu biss id-djun li ġejjin:

(f) kull dejn jew indennizz dovut bħala rimedju ċivili minn xi waħda mill-partijiet fiż-żwieġ meta dak l-indennizz ma jkunx dovut bħala rimedju ċivili dwar reat li jkun sar bir-rieda.

**1329.** (2) Bla ħsara għall-jedd tal-parti miżżewġa lid-debitur li jitlob separazzjoni ġudizzjarja tal-beni, il-parti miżżewġa lid-debitur ma jkollhiex jedd topponi għal att li jinforza kreditu kontra xi beni tad-debitur jew tal-komunjoni tal-akkwisti ħlief meta l-beni li fuqhom tkun qed issir l-esekuzzjoni jkunu beni parafernali ta' dik il-parti miżżewġa lid-debitur.'.

Minn qari ta' dawn iz-zewg artikoli jirrizulta li m'hemm xejn xi jzomm milli l-komunjoni tal-akkwisti taghmel tajjeb ghad-danni fl-eventwalita' li jigu likwidati xi danni dovuti mill-intimat Roy Steer Chetham. Imbaghad fir-rigward l-Artikolu 1324 tal-Kodici Civili kwotat mill-intimata huwa minnu li dan l-artikolu jaghmel referenza ghal atti li jsiru minn parti wahda mill-mizzewgin waqt il-gestjoni ta' kummerc, negozju jew professjoni, madanakollu dan l-istess artikolu ma jsostnix li f'dawk il-kazi l-komunjoni tal-akkwisti m'ghandhiex taghmel tajjeb.

Illi fic-cirkostanzi gjaladarba rrizulta li l-intimat Roy Steer Chetham ma wettaqx att ta' amministrazzjoni straordinarja, l-intimata Carla Steer Chetham hija xorta marbuta li taghmel tajjeb bil-komunjoni tal-akkwisti u ghalhekk ma tistax tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.  Ghaldaqstant il-Qorti ser tghaddi sabiex tichad din it-tieni eccezzjoni.

**<u>Responsabilita' ta' danni:</u>**

Illi r-rikorrenti bil-kawza odjerna qeghdin jitolbu li jigi dikjarat li l-intimati huma responsabbli ghad-danni subiti minnhom b'konsegwenza ta' negligenza, traskuragni, nuqqas ta' hila u agir frawdolenti tal-intimat Roy Steer Chetham.

Illi l-intimat Roy Steer Chetham fit-tielet u r-raba' eccezzjoni tieghu laqa' billi eccepixxa li t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li kienu r-rikorrenti li avvicinawh sabiex jorganizza l-kuncert u ghalkemm huwa wissihom li l-organizzazzjoni ta' tali kuncert kien ser ikun ta' riskju kummercjali kbir in vista tal-fatt li fil-perijodu in kwistjoni kien ser ikun hemm il-loghob tat-tazza tad-dinja huma baqghu jinsistu mieghu sabiex jorganizza l-kuncert.  Fir-raba' eccezzjoni eccepixxa

li huwa wettaq l-inkarigu lilu moghti bl-akbar professjonalita' u hila u kwindi l-allegazzjonijiet imressqa mir-rikorrenti fir-rigward tan-negligenza, traskuragni, nuqqas ta' hila u agir frawdolenti huma assolutament inveritieri u jekk kien hemm xi negligenza jew agir frawdolenti, dak kien da parti tar-rikorrenti. Jinsisti li konsegwentement huwa ma kkawza ebda danni kif allegati mir-rikorrenti.

Isegwi ghalhekk li l-ewwel punt li ghandu jigi ndirizzat huwa jekk effettivament l-intimat Roy Steer Chetham fl-inkarigu tieghu mexiex b'negligenza, traskuragni, nuqqas ta' hila u agir frawdolenti b'tali mod li tali agir jissuggettah ghad-danni subiti mir-rikorrenti. Minn ezami akkurat tal-atti, l-Qorti setghet tinnota s-segwenti nuqqasijiet da parti tal-intimat Roy Steer Chetham li huma s-segwenti:

1. Illi ghalkemm l-intimat fit-tielet eccezzjoni tieghu jeccepixxi li huwa kien wissa lir-rikorrenti li l-organizzazzjoni ta' tali kuncert kien ser ikun riskju kummercjali kbir in vista tal-fatt li fil-perijodu in kwistjoni kien ser ikun hemm il-loghob tat-tazza tad-dinja. Minn harsa lejn il-progettazzjonijiet maghmula minnu u moghtija lir-rikorrenti a fol. 58 et seq tal-process jirrizulta li huwa ma tantx kien qieghed jipprospetta riskju kummercjali billi bhala 'Ticket sales' indika l-ammont ta' €1,313,725.00, filwaqt li kull *partner* kien ser ikollu profitt ta' €106,012.50. Il-Qorti tinnota li l-intimat fi progettazzjonijiet diversi ndika diversi ammonti bhala profitt li kien ser ikollu kull *partner* u dan fid-dokumenti a fol. 64 et seq tal-process bl-ghola ammont iddikjarat ta' profitt li kien ser jaghmel kull partner ikun dak ta' €184,142.75. Dan imur bil-wisq kontra dak iddikjarat minnu fl-eccezzjoni bin-numru tlieta. Mhux biss, izda bil-progettazzjonijiet minnu maghmula u mghoddija huwa ta'

ndikazzjonijiet hziena lill-investituri.

2. Illi skont il-ftehim li sar bejn ir-rikorrenti/l-investituri u l-'manager' l-intimat Roy Steer Chetham ai termini tal-klawsola 3.5 (fol. 5) obbliga ruhhu li jaghti rendikont fil-gimgha tal-flus li kienu qed jidhlu kemm kontanti, kif ukoll b'sapport ta' statement mill-bank. Din il-klawsola tghid:

   '3.5 The Partners will require the Manager to provide a weekly update of the cash position, both bank and cash balances (if any), supported by a bank statement. The cash position should show clearly all income from ticket sales and all expenditure and outgoings.'.

   Ir-rikorrenti Jennifer Farrugia a fol. 82 tal-process esebiet kopja ta' email datata 20 ta' Gunju, 2010 mibghuta fost ohrajn lill-intimat minn fejn jirrizulta li l-intimat Roy Steer Chetham ma kienx qieghed jaghti r-rendikont fil-gimgha kif kien obbligat li jaghmel skont il-ftehim iffirmat bejnu u bejn l-investituri. F'din l-email ir-rikorrenti tghidlu:

   '…It is 6 weeks to the event and we should be getting a weekly update. I ask for this every week and I still have not seen anything through my mailbox.'.

   Fir-risposta moghtija mill-intimat Roy Steer Chetham f'email datata 21 ta' Gunju, 2010 huwa ma jaghmel l-ebda accenn ghal dak mitlub mir-rikorrenti Jennifer Farrugia.

   F'email sussegwenti tal-11 ta' Lulju, 2010 (fol. 88) mibghuta mir-rikorrenti Jennifer Farrugia lil certa Caroline Busuttil mill-bank Bank of Valletta plc talbet li tibghat rendikont u kopja tal-*escrow agreement*. Huwa car li sadakinhar ir-

rikorrenti ma kienu ghadhom inghataw l-ebda rendikont mill-intimat Roy Steer Chetham. Tghid fl-email:

'It's 3 weeks left to the venue, we have made another contribution of €90k and not one single bank statement. If you cannot send by e-mail I will collect them.'.

B'email risposta datata 14 ta' Lulju, 2010 (fol. 89) Caroline Busuttil ghaddiet il-'Workings and Balances of the two accounts…'. Fl-istess email tghid li dawk id-dokumenti kienu ntbghatu lill-intimat Roy Steer Chetham zmien qabel u li talabha tibghathom lilhom ukoll. Tghid:

'These had been sent to Roy Steer some time ago but he asked me again to send them to you again.'.

Hawn hekk huwa car li l-intimat Roy Steer Chetham ma kienx qieghed jottempera ruhhu mal-obbligi assunti fil-ftehim billi ma kienx qieghed jghaddi l-informazzjoni kollha b'rendikont fil-gimgha. Piuttost mid-dikjarazzjoni ta' Caroline Busuttil jidher li l-intimat Roy Steer Chetham kien qieghed izomm l-informazzjoni ghalih u mhux jghaddija lir-rikorrenti/investituri.

Mid-dokumenti li ntbaghtu lir-rikorrenti Jennifer Farrugia hija harget *projections* godda (fol. 90) minn fejn irrizulta li huma ser ikollhom telf tal-investiment fl-ammont ta' €196,000 u mhux qliegh. Hawn hekk ir-rikorrenti regghet baghtet *email* ohra datata 19 ta' Lulju, 2010 (fol. 91) fejn infurmat lil kulhadd b'dak li rrizulta mill-*projections* u fl-istess email indirizzat lill-intimat Roy Steer Chetham sabiex jghaddi dettalji dwar 'sales' ta' biljetti u sabiex jghaddi

x'bilanci ohra jista jkun hemm. F'din l-email ir-rikorrenti turi l-preokkupazzjonijiet kollha taghha u taghlaq din l-email billi tghidlu:

'Targeted sales were over €1 million. We have deposited €136k from ticket online going trough Escrow, sales might pick up in the last week, but we will not be hitting €1 million in the next 2 weeks. We will not even be recovering our initial investment, yet every one of the suppliers will be getting paid. I hope you are understanding the situation so please I urge you to send in the figures I requested to see how we can go about it.'

B'risposta ghal din l-email l-intimat Roy Steer Chetham ma baghat xejn.

Illi prova ulterjuri li l-intimat Roy Steer Chetham ma kienx qieghed jghaddi rendikont kif obbligat li jaghmel bil-ftehim hija l-email mibghuta minn Paul Degaetano fit-13 ta' Lulju, 2010 a fol. 200 tal-process fejn qieghed jinforma lill-intimat Roy Steer Chetham li kienu ghadhom qatt ma rcivew 'updates' u li ma kienx gust li ma jkunux jafu x'inhu jigri hlief meta jkollhom johorgu l-flus. Jghid:

'I think its about time that we received something! We were supposed to start receiving updates when we met to sign the partnership and Escrow agreements. Since then we received nothing and it is not very comfortable being away and not knowing what is happening except for having to fork out additional funds to cover expenses.'.

3. Illi permezz ta' email datata 1 ta' Lulju, 2010 (fol. 83) l-

intimat Roy Steer Chetham kien informa lir-rikorrenti/investituri li bhala 'book balance' kien hemm l-ammont ta' €178,040 u 'cash in hand' kien hemm l-ammont ta' €70,000. Huwa rrimarka wkoll li l-bejgh tal-biljetti kien miexi tajjeb pero' s-sistema ta' Malta ma kienx tahdem favur taghhom u ghalhekk kien hemm bzonn li jerga jigi nvestit ammont ta' flus ulterjuri cioe' dak ta' €150,000. Jghid:

'Remarks:
Our sales are very healthy but the system of Malta ticket does not work in our favour and will hinder a problem with our next payment, therefore we need a cash injection of €150k to resolve this.'.

Hawnhekk jirrizulta li l-intimat Roy Steer Chetham ta' ndikazzjoni li l-bejgh kien sejjer tajjeb u ma nforma b'xejn lil investituri li kien hemm xi haga sejra hazin. Barra minn hekk l-kontijiet hekk kif indikati mill-intimat ma kienux qeghdin jaqblu mal-*istatements* bankarji.

Sussegwentement bl-email tat-8 ta' Lulju, 2010 (fol. 86) l-intimat Roy Steer Chetham rega' talab li ghandu jsir il-hlas ulterjuri ta' €91,504 kull wiehed. Huwa car li l-ammonti qeghdin ivarjaw kunsiderevolment billi filli qed jghid li jrid isir 'cash injection of €150k' u filli jzid l-ammont ghal dak ta' €274,511. Dipiu' bhala risposta minghand ir-rikorrenti Jennifer Farrugia b'email tal-11 ta' Lulju, 2010 (fol. 86) regghet talbet rendikont ta' kif sejjer il-bejgh tal-biljetti u tat indikazzjoni li qieghda tifhem li l-bejgh mhux sejjer sew la darba kellhom jergghu johorgu s-somma ta' €90,000. Tghid:

'How much are the sales right now, Roy. I think we are

pretty much behind if we had to fork out €90k each.'.

4. Illi r-rikorrenti Jennifer Farrugia fl-affidavit a fol. 39 et seq tal-process tghid li f'okkazzjoni minnhom meta hija marret il-bank sabiex isir il-hlas tal-'commission' dovuta lil GS Management Agency kienet hi personalment li nnutat li l-ammont dovut indikat fl-invoice a fol. 76 tal-process ma kienx dak ta' £22,500 pero' l-ekwivalenti ta' $22,500 ta' dollari amerikani. Dan kien ifisser li kieku ma ndunatx hi kien ser isir hlas ferm ghola minn dak realment dovut. Tghid li hawn hekk hija bdiet tinduna li ghall-intimat Roy Steer Chetham kollox kien jghaddi u ma kienx joqghod attent ghall-*invoices* li jinhargu.

5. Illi rrizulta li certu obbligazzjonijiet fosthom dawk ta' NNG Promotions li jipprovdu l-*istage, barriers* u *fencing* l-ammont li kien gie ffissat ghalihom kien dak ta' €53,000 pero' meta r-rikorrenti nghataw il-kont dan kien ferm ghola ghas-somma ta' €76,700. Infatti kellhom jaghmlu l-pagamenti f'numru ta' drabi (ara dokumenti a fol. 92 et seq tal-process). Ir-rikorrenti meta talbu spjegazzjoni mill-intimat Roy Steer Chetham jghidu li qallhom li ha zball. Fix-xhieda tieghu l-intimat ma jaghmel l-ebda referenza ghal tali zball u ma jaghti l-ebda spjegazzjoni plawsibbli.

6. Illi jirrizulta li l-intimat Roy Steer Chetham qabbad *manager* iehor certu Karl Borg li kellu mid-deskrizzjoni moghtija mal-kont tieghu a fol. 95 et seq tal-process jaghmel xoghol relatat mal-permessi, sigurta' u organizzazzjoni tal-istage. Dan il-manager kien sejjer jithallas l-ammont ta' €11,800 meta l-ftehim mar-rikorrenti kien li dan ix-xoghol isir mill-istess intimat.

7. Illi fir-rendikont li gie moghti lir-rikorrenti Jennifer Farrugia et wara li kien sar il-kuncert a fol. 99 et seq tal-process l-intimat Roy Steer Chetham indika l-flus li taw l-investituri bhala dhul meta effettivament dan l-ammont ma riedx jigi ndikat bhala dhul pero' bhala hrug. Il-Qorti tifhem li huwa car li l-intenzjoni wara din il-mossa tal-intimat kienet proprju sabiex jahbi x'kien ezattament ir-rizultat finali tal-kuncert billi huwa car li meta jigu mnehhija dawk ic-cifri nvestiti mir-rikorrenti johrog li l-kuncert kien falliment billi r-rikorrenti kienu ser jitilfu l-flus investiti minnhom.

8. Illi mid-dokument/rapport mahrug mill-maltaticketing a fol. 104 et seq tal-process jirrizulta li l-intimat Roy Steer Chetham hareg biljetti 'complimentaries' fl-ammont ta' 2233 b'kollox li bhala cifra fi flus kienu jsarrfu fl-ammont ta' €136,800. L-ammont ta' 'complimentary tickets' pressapoco gie wkoll ikkonfermat mill-intimat innifsu Roy Steer Chetham meta xehed in subizzjoni fis-seduta tas-17 ta' Settembru, 2021 fejn qal li nhargu l-ammont ta' 2500 (a fol. 807 et seq tal-process). Mill-istess dokument/rapport il-Qorti tinnota wkoll li kien hemm l-ammont ta' 28 biljett li kienu ndikati bhala 'void' li kienu jsarrfu fis-somma ta' €6,840. Huwa car li fir-rigward it-tqassim ta' 'complimentary tickets' mill-intimat kien hemm it-tgerfix billi anke biss minn harsa lejn x'complimentary tickets' inghataw lil Malta Tourism Authority jidher bic-car li l-intimat ghadda biljetti aktar minn dak li kien verament dovut. Fl-ittra ta' konferma li l-Malta Tourism Authority kienet ser taghti sponsorship a fol. 214 tal-process hemm indikat li bhala cifra ser tinghata l-ammont ta' €7,500 li pero' 50% ta' dan il-valur ghandu

jinghata lura f'tickets lill-MTA. Mir-rendikont moghti mill-intimat Roy Steer Chetham a fol. 103 tal-process jirrizulta li bhala biljetti lill-MTA nghataw l-ammont ta' 6 LNG li kienu jiswew €250 il-wiehed u 100 GLD li kienu jiswew €50 il-wiehed. Dan kien ifisser li l-MTA nghata biljetti bil-valur ta' €6,500. Huwa car li l-biljetti li nghataw imorru oltre l-50% bhala valur ta' 'sponsorship' billi l-valur li kellha tiehu l-MTA kien dak ta' €3,750. Il-Qorti tinnota li r-rikorrenti ndikaw bhala valur li nghata lill-MTA dak ta' €11,500 billi ndikat li l-valur tal-biljetti 'Gold' huwa dak ta' €100 u mhux €50 kif jirrizulta mill-atti.

Dwar il-kwistjoni tal-biljetti 'void' ir-rikorrenti Jennifer Farrugia (ara affidavit a fol. 39 et seq tal-process), Ray Steer Chetham (ara affidavit a fol. 148 et seq tal-process), ix-xhud Josef Debono (ara affidavit a fol. 158 et seq tal-process) u r-rikorrenti Jane Steer Chetham (ara affidavit a fol. 261 et seq tal-process) jirrakkontaw dwar avveniment fejn Jane Steer Chetham bieghet xi biljetti. Dawn il-biljetti ngabu mill-intimat Roy Steer Chetham u kellhom jinghataw lil xi nies. Billi bintha Lara u Josef Debono kienu sejrin lejn id-direzzjoni li nbieghu t-tickets dawn hadu l-biljetti maghhom pero' ntebhu li l-valur taghhom kien indikat bhala '0'. Ir-rikorrenti jallegaw li l-flus ta' dawn il-biljetti kienu sejrin ghand l-intimat Roy Steer Chetham u mhux depositati fl-*escrow account* u jaghtu ndikazzjoni li dan jista' jaghti l-kaz li ma kienx l-ewwel kaz li gara hekk. L-intimat Roy Steer Chetham fix-xhieda tieghu jghid illi l-izball sar min-naha tal-maltaticketing. Ir-rikorrenti jezebixxu kopja ta' wiehed mit-tickets bil-valur indikat bhala dak ta' '0' a fol. 266 tal-process. Il-Qorti tqis li dan kien zball iehor konsegwenza tan-negligenza tal-intimat Roy Steer Chetham u mhux kif allegat

minnu.

9. Illi r-rikorrenti Paul Degaetano (fol. 241), ix-xhud Josef Debono (fol. 158), ir-rikorrenti Jane Steer Chetham (fol. 261) u ir-rikorrenti Josienne Degaetano (fol. 271) ilkoll ikkonfermaw li waqt il-kuncert kien hemm dizorganizzazzjoni. Dan il-fatt u anke li l-fatt li qabel il-kuncert inqalgha xi nkwiet relatati mal-hlasijiet tant li lanqas ma kien ser jinghata access ghad-dawl, gew ikkonfermati mill-gazzetti li gew esebiti mir-rikorrenti a fol. 207 et seq tal-process.

   Il-problema bis-'supply' tad-dawl giet ikkonfermata wkoll mix-xhud Pierre Fenech rapprezentant ta' Island Caterers Limited li xehed a fol. 315 et seq tal-process li jghid li 'Ma riedux jistartjaw id-dawl.'. Ix-xhud jghid ukoll li konsegwenza tal-fatt li ma ridux jistartjaw id-dawl saru spejjez zejda billi kellhom jingiebu aktar 'man power' ossia waiters, bar tenders etc u wkoll is-silg. Gie kkonfermat ukoll mix-xhud Mario Victor Spiteri li kien jahdem ma' DJS Trading li xehed fis-seduta tas-26 ta' Gunju, 2015 a fol. 456 et seq tal-process li da parti tal-intimat Roy Steer Chetham kien hemm problema ta' hlas tas-servizz u ghalhekk id-dawl ma kienx inxteghel. Jixhed:

   'Xhud – Mario Victor Spiteri :-
   Mhux on stage biss; is-supply kollu tal x'jismu including Island Caterers. Issa Island Caterers they are good friends of mine kollha, huma hbieb tieghi. Ghedtlu niftakar lil Pierre li illum ma ghadux jahdem hemm hekk, ghedtlu "Pierre ghedtlu iggibx ikel hawn ghedtlu ghax jien minhiex ser nixghel." Qalli "Mar lanqas tani …." Ghedtlu l-unika haga li

ghandi sahha fadalli bhal issa li nilwilu ftit idejh biex dan il-proxxmu jasal bil-pagament ghedtlu huwa li ma nixghellux." Biex dan jiccaqlaq u jghidli "Mar x' qed tghamel?" Nghidlu "faqqali u nixghel". L-unika haga, because ..'.

10. Illi l-Qorti tinnota wkoll li l-intimat Roy Steer Chetham fl-organizzar ghamel spejjez zejda li fil-fehma taghha ma kienux necessarji. Il-Qorti taghmel referenza partikolari ghal gita li saret bid-dghajsa lejn Ghawdex mal-kantant Rod Steward. Fil-ftehim li gie ffirmat mal-agent tal-artist a fol. 73 tal-process ma jirrizultax li l-kantant talab li ssir gita pero' indika biss li ghandu jigi provdut bi kmamar fejn jorqdu ghalih u ghal membri tal-'crew' tieghu u ta' ndikazzjoni ta' liema livell jridu jkunu tali kmamar, kif ukoll kellu jigi provdut bis-servizzi l-ohra bhal dawl, sigurta' etc. Il-Qorti ser tikkwota x'inghad fil-ftehim li jaqra kif isegwi:

'…**Additionally, Purchaser shall provide and pay for: local sound, lights, safe and secure covered staging and video equipment, and LED screens, all per Artist's specifications; thirty (30) first class, single king hotel rooms in the same hotel for Bank and Crew for the nights of August 1, 2, and 3, 2010; one (1) Presidential Suite and three (3) first class, single king hotel rooms in the same hotel (hotel subject to Artist's approval) for Artist's use for the nights of August 1, 2, and 3, 2010; all local ground transportation for Artist, Band, and Crew, plus any equipment they may be carrying, while in Malta; catering for Artist, Band and Crew; all visas, customs and exit fees; backline per Artist's specifications, plus all other production requirements per attached riders and Artist's specifications.**'.

Huwa car li fil-ftehim ma jissemma' xejn dwar giti bid-dghajsa. Dan jindika li l-ispiza kollha fosthom ikel, transport etc li saru relatati ma' tali gita kienu kollha zejda, piz zejjed fuq l-investituri.

11. Il-Qorti tinnota wkoll li l-intimat ordna lil maltaticketing sabiex tipprocedi bi hlasijiet fl-ammonti ta' €52,992 u €14,986 minghajr il-kunsens u l-awtorizzazzjoni tal-investituri u minghajr ma' l-ammonti kienu ghaddew fl-*escrow account* kif obbligat li jaghmel fil-ftehim tal-escrow account (ara ftehim a fol. 679 et seq tal-process). Dan gie kkonfermat mill-intimat Roy Steer Chetham innifsu fis-seduta tas-17 ta' Settembru, 2021 a fol. 807 et seq tal-process meta xehed in subizzjoni u qal:

'Xhud: Malta tickets. Awtorizzajthom jiena. Hawn miktub biex isir il-pagament wara li Jennifer Farrugia rrifjutat kemm-il darba li thallashom. L-escrow li hi stess iffirmat m'onoratux li jithallsu l-kredituri. Jekk int qed tahseb li jien ksirt il-kuntratt, hi ksiret il-kuntratt mhux jien.'.

Fil-fehma tal-Qorti dawn il-punti, jikkostitwixxu agir da parte tal-intimat Roy Steer Chetham maghmul zgur b'negligenza, traskuragni, u nuqqas ta' hila ghalkemm ma tqisx li kien hemm agir frawdolenti da parti tal-intimat. Ir-rikorrenti, bhala agir frawdolenti, jindikaw il-kwistjoni li skonthom l-intimat zamm is-somma ta' €14,265 fil-pussess tieghu. Fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom jghidu li tali flus intuzaw mill-intimat sabiex jithallsu xi debituri. Fic-cirkostanzi l-Qorti ma tqisx li tali agir kien wiehed frawdolenti. Lanqas ma tqis li ngabu provi sufficjenti li meta l-intimat ghadda biljetti bil-valur ta' '0' kien qieghed jaghmel dan sabiex jiffroda jew jimmisaproprja ruhhu minn flus appartementi lir-rikorrenti. Madanakollu, kif gja nghad fir-rigward il-

kumplament huwa car li konsegwenza tal-agir negligenti, traskurat u b'nuqqas ta' hila tal-intimat Roy Steer Chetham, ir-rikorrenti soffrew danni kbar. Il-Qorti tqis li ghalkemm l-intimat jipprova jindika li huwa gieli ghamel kuncerti u avvenimenti ta' dan it-tip, fil-verita' l-avvenimenti li huwa kien ha hsieb kienu fuq skala ferm izghar minn dik tal-kaz odjern li kien jitratta proprju kuncert fuq livell internazzjonali li kien ta' certu portata u jinvolvi fih certu responsabilita'. Minn dak kollu riportat huwa car li l-intimat Roy Steer Chetham ma kellux il-kapacita' li jerfa' responsabilita' ta' dan it-tip.

**<u>Likwidazzjoni ta' danni:</u>**

Illi m'hemmx dubju dwar il-fatt li r-rikorrenti kollha investew ammont konsiderevoli ta' flus fil-kuncert ta' Rod Steward li sar fit-3 ta' Awwissu, 2010 fuq il-fosos tal-Furjana. M'hemmx dubju wkoll li l-investiment taghhom mar hazin tant li tilfu ammont konsiderevoli mill-flus li nvestew.

Fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom ir-rikorrenti jindikaw bhala danni l-ammont ta' €622,686.68. Flimkien ma' l-istess nota pprezentaw tlett dokumenti konsistenti f'rendikonti ta' kif gie kwantifikat id-danni minnhom sofferti. F'dan l-istadju l-Qorti ser taghmel referenza ghad-dokument indikat bhala 'Income & Expenditure' li jinsab a fol. 1035 tal-process anness man-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti. Fuq dan id-dokument ir-rikorrenti jindikaw bhala 'actual results' x'kien hemm bhala dhul – 'Income', u x'kien hemm bhala spejjez – 'Expenditure'. Fl-istess dokument ir-rikorrenti jindikaw ukoll x'gie ndikat bhala dhul u spejjez mill-intimat Roy Steer Chetham.

Illi l-Qorti ghamlet ezercizzju fejn pruvat tqabbel il-lista kollha li tinsab a fol. 1035, mad-dokumenti kollha misjuba fl-atti. L-ezercizzju ma kienx wiehed facli billi fil-lista certu oggetti gew

indikati flimkien ez. 'marketing' u ghalhekk l-ezercizzju kien ferm aktar difficli. Madanakollu wara li fliet il-lista ndikata bhala 'Actual results', mad-dokumenti fl-atti, hekk kif imqabbla mas-sezzjoni fil-lista indikata bhala '06-Oct-10 DOK JF27 Per Roy Steer Concert Report' fejn gie wkoll iddikjarat l-'income', kif ukoll l-'expenditure' kif iddikjarati mill-intimat Roy Steer Chetham, setghet tasal ghas-segwenti konsiderazzjonijiet:

1. il-Qorti taqbel ma dak iddikjarat bhala 'Income';
2. il-Qorti ma taqbilx mal-lista kollox ta' 'expenditure' billi fl-atti ma sabitx prova tas-segwenti:

    i. Trustee fee;
    ii. Cleaners;
    iii. Bank charges;
    iv. Bank guarantees;
    v. Closure fee of escrow account;
    vi. Judicial expenses re vat department refund;
    vii. Kunsill cleaning costs;
    viii. Expenses re court case with Excelsior – interest 8%, full & final paid €11,300;
    ix. Expenses re court case with Excelsior – court fees costs + vat;
    x. Professional fees re court cases not concluded.

Illi dan ifisser li bhala spejjez ir-rikorrenti ppruvaw l-ammont ta' €896,661. Meta dan l-ammont jigi mnaqqas minnu d-dhul jibqa' l-ammont tad-danni sofferti mir-rikorrenti Jennifer Farrugia et.

Spejjez - €896,661-

Dhul - €351,062

---

Danni - €545,599.

Dan ifisser li gie ppruvat li kull wiehed minnhom soffra bhala danni l-ammont ta' €545,599/3 = €181,866.33.

Dwar id-dokument a fol. 1033 tal-process fejn l-ammont indikat bhala '*Due from Roy Steer, funds not deposited*' il-Qorti tinnota li whud minn dawn l-ammonti huma gia ndikati fis-sezzjoni 'income' fid-dokument a fol. 1035 u ghalhekk ma jaghmilx sens li l-intimat Roy Steer Chetham ghandu jirritorna dan l-ammont meta effettivament gew indikati fis-sezzjoni dhul. Se mai dan l-ammont kellu jigi ndikat bhala 'still due'. Imbaghad fir-rigward l-ammont indikat bhala '*Guarantee re PRS case (outcome still to be determined, monies deposited in bov/court)*', kif inhu ddikjarat l-ezitu ghadu mhuwiex deciz u ghalhekk l-Qorti mhijiex ser tghaddi sabiex taghti l-ammont indikat gjaladarba m'hemmx decizjoni fuqu u thalli tali pretensjonijiet u vertenza impregudikati.

**<u>Decizjoni:</u>**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti l-Qorti tghaddi sabiex taqta' w'tiddeciedi l-kawza odjerna kif isegwi:

1. Tichad l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-intimat Roy Steer Chetham billi r-rikors guramentat m'huwiex wiehed irritu u null;

2. Tichad it-tieni eccezzjoni preliminari ta' Roy Steer Chetham u l-eccezzjoni preliminari tal-intimata Carla Steer Chetham stante li ghar-ragunijiet suesposti l-Qorti ghandha gurisdizzjoni li tisma' u tiddeciedi l-kawza odjerna;

3. Tichad it-tieni eccezzjoni tal-intimata Carla Steer Chetham u dan ghar-ragunijiet suesposti;

4. Tichad l-eccezzjonijiet kollha rimanenti tal-intimati u dan ghar-ragunijiet suesposti;

5. Tilqa' limitatament l-ewwel talba u tiddikjara li l-intimati huma responsabbli ghad-danni subiti mir-rikorrenti b'konsegwenza ta' negligenza, traskuragni u nuqqas ta' hila tal-intimat Roy Steer Chetham filwaqt li tichadha fil-parti relatata mal-agir frawdolenti tal-intimat.

6. Tilqa' t-tieni talba u tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti Jennifer Farrugia et fl-ammont globali ta' hames mija u hamsa u erbghin elf, hames mija u disgha u disghin Ewro (€545,599) li meta diviz bejn il-partijiet ghandu jkun fl-ammont ta' mija wiehed u tmenin elf tmien mija sitta u sittin Ewro u tlieta u tletin centezmu (€181,866.33);

7. Tikkundanna lill-intimati jhallsu lir-rikorrenti s-somma hekk likwidata.

Bl-ispejjez kif mitluba a karigu tal-intimati.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**31 ta' Ottubru, 2024**

**Cora Catania**
**Deputat Registratur**
**31 ta' Ottubru, 2024**